# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 3 ta' Frar 2023**

**Avviż numru: 9/2014 BS**

**Joseph sive Joe Grima**

**-vs-**

**Charles Grech**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat l-Avviż ta' l-attur**[1] li bih talab li jitħallas danni fl-ammont ta' ELF TMIEN MIJA U TLETIN EWRO (€1,830) rappreżentanti l-prezz ta' wiċċ ta' bank tal-kċina inkluż *island* fl-istess kċina, supplit mill-konvenuta. Dana stante li l-materjal supplit mill-konvenuta huwa, skont l-attur, ta' kwalità inferjuri, mhux tal-kwalità pattwita kif ukoll li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa.

L-attur talab ukoll l-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-preżentata tal-Avviż sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż, kompriżi

[1] Fol 1.

dawk tal-ittri interpellatorji kollha kontra l-konvenuta kif inġunta għas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tal-konvenut Charles Grech[2] li permezz tagħha eċċepixxa:**

1. ILLI, preliminarjament l-attur għandu jindika il-provvedimenti tal-liġi illi fuqhom qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu ħalli b'hekk l-esponent ikun qiegħed f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li l-attur jindika fuq liema dispożizzjonijiet tal-liġi huwa qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu;

3. Preliminarjament ukoll l-azzjoni attriċi hija irritwali u nulla stante li minn eżami tar-Rikors promotur jirriżulta illi l-azzjoni intentata mill-attur hija kjarament azzjoni ġenerali għad-danni *ex contractu* - meta skond ġurisprudenza paċifika l-unika azzjoni esperibbli meta l-kuntratt ikun wiehed ta' bejgh hija jew dik dwar nuqqas ta' kwalità pattwita a tenur tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16 jew l-*actio redhibitoria* jew *aestimatoria* a tenur tal-artikolu 1427 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. ILLI wkoll l-azzjoni attriċi hija irirtwali u nulla għaliex l-attur *qua* xerrej ma jistax jitlob dikjarazzjoni li l-oġġett minnu mixtri mhuwiex tal-kwalità pattwita u jitlob il-ħlas tad-danni meta l-istess oġġett ikun għadu fil-pussess tiegħu u l-attur kien obbligat li kontestwalment jew qabel il-ftuħ ta' din il- kawża huwa jiddepożita l-istess oġġetti taħt l-Awtorità tal-Qorti;

5. Sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u l-intimat mhu obbligat li jħallas lir-rikorrent ebda danni kif qed jiġu minnu reklamati stante li (oltre għar-raġunijiet legali fuq esposti) –

    (i) huwa qatt ma rċieva xi tip ta' lanjanzi da parti tar-rikorrent u din l-azzjoni qed issir unikament minħabba li r-rispondent odjern b'kawża separata fittex lir-rikorrent odjern għall-ħlas minnu

[2] Fol 6 sa 7.

dovut għal konsenja oħra ta' materjal lilu supplit u li għaliha huwa baqa' ma ħallasx;

(ii) il-materjal supplit lir-rikorrent huwa dak pattwit bejn il-partijiet u huwa ta' kwalità tajba;

(iii) il-ftit xogħolijiet [sic] eżegwiti mir-rispondent (għaliex il-kuntratt kien wieħed ta' bejgħ u mhux appalt fejn l-oġġett prinċipali kien il-materjal supplit u mhux il-mano d'opera) sar skond is-sengħa u l-arti.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru, 2014 l-attur iddikjara illi l-azzjoni minnu esperita hija bbażata fuq l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; il-Kodiċi Ċivili.[3]

**Rat** il-kopja fotostatika taċ-ċekk maħruġ bi ħlas tal-wiċċ tal-bank mill-attur u martu lill-konvenut.[4]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' April, 2015 l-attur talab il-ħatra ta' perit tekniku b'dan li fl-udjenza tat- 12 ta' Ġunju, 2015 ġie nominat Salvu Ellis għal dan l-iskop.[5]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta Jannar, 2016 Salvu Ellis ġie eżonerat mill-inkarigu ta' perit tekniku u sostitwit b'Salvu Bonello.[6]

**Rat** li fl-udjenza ta' l-1 ta' April, 2016 Salvu Bonello ġie eżonerat mill-inkarigu ta' perit tekniku u sostiwit bi Francis Sultana.[7]

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2016 Francis Sultana ġie eżonerat mill-inkarigu ta' perit tekniku u sostitwit bil-Perit Valerio Schembri.[8]

---

[3] Verbal a fol 11.
[4] Fol 23.
[5] Verbali a fol 26 u 29.
[6] Verbal a fol 35.
[7] Verbal a fol 37.
[8] Verbal a fol 43.

**Rat** in-nota ta' l-attur li fiha ddikjara li la huwa u anqas martu qatt ma' ngħataw kwotazzjoni bil-miktub mingħand il-konvenut kif ukoll li fuq parir tal-konvenut l-ordni tagħhom ma' kienitx għal *quartz* ta' lewn *pure white*. Ma' l-istess nota eżebixxa kopji fotostatiki ta' varji emails fost liema dik datata s-26 ta' Awwissu, 2013 – a fol 53 – li biha l-attur kien informa lill-avukat tiegħu li huwa tkellem mal-konvenut dwar il-lanjanza tiegħu. Jeżebixxi wkoll *specification sheet* ta' materjal simili għal dak mibjugħ lilu maħruġa mis-soċjeta' *Halmann Vella*.[9]

**Rat** ir-rapport tal-perit tekniku il-Perit Valerio Schembri.[10]

**Fliet** ix-xhieda miġbura mill-perit tekniku fis-seduti li żamm mall-partijiet.[11]

**Rat** in-nota ta' l-attur ippreżentata nhar it-28 ta' April, 2022 b'anness dokument li jindika speċifikazzjonijiet tal-materjal *engineered stone*.[12]

**Rat** li b'nota tat-23 ta' Novembru, 2020 l-attur talab il-ħatra ta' periti perizjuri[13] bit-talba ġiet milqugħa fl-udjenza ta' l-istess data.[14]

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2022 il-partijiet iddikjaraw illi m'għandhomx aktar provi xi jressqu u li qed jirrimettu ruħhom għall-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku.[15]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2022 il-partijiet itrattaw oralment u l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.[16]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha.

---

[9] Nota kontenenti d-dikjarazzjonijiet sintesizzati a fol 49, korrispondenza bl-email bejn l-attur u l-avukat tieghu a fol 52 sa 57, *specification sheet* mharuga minn *Halmann Vella* a fol 58 sa 83.
[10] Fol 94 sa 105, b'dokumenti annessi a fol 106 sa 185.
[11] Xhieda traskritti ta' [i] l-attur, inkluz in kontro-ezami – a fol 109 sa 111; [ii] mart l-attur, inkluz in kontro-ezami – a fol 111 sa 112; [iii] il-konvenut, inkluz in kontro-ezami – a fol 130 sa 134, u; [iv] George Saliba li pogga il-*quartz* in mertu fuq il-bank tal-kcian ta' l-attur, inkluz in-kontro-ezami – a fol 134.
[12] Nota a fol 239 bid-dokument a fol 240 sa 241.
[13] Nota a fol 207.
[14] Verbal a fol 208.
[15] Verbal mhux paginat.
[16] Verbal mhux paginat.

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Joseph Grima**, l-attur, xehed[17] li huwa ordna l-materjal *quartz* għal-wiċċ tal-bank tal-kċina mingħand il-konvenut. Jgħid li huwa qal lill-konvenut x'ried u anke penġielhu fejn u kif irid jiġi l-materjal fil-kċina. Jgħid li l-*quartz* ittieħed għandu mill-ħaddiema tal-konvenut li wasluh u għamluh wieqaf kontra ħajt b'dan li wara xi tlett ġimgħat jew xahar marru poġġewh postu fuq il-bank tal-kċina.

Iżid li l-*quartz* m'huwiex ta' kwalita' tajba għax mtaqqab bis-swied ġo fih. Jgħid li l-kumenti m'humiex imgħoddijin bil-magna iżda bl-id b'dan li jittebbgħu mix-xejn. Iżid li il-wiċċ tal-bank għadu mhux imħalleb u diġa beda niżel stante li l-i*spacers* ta' taħtu anqas saru sew.

Jgħid li huwa ħallas lill-konvenut u talbu jmur jirranġa x-xogħol.

Jipreżenta kopja taċ-ċekk magħmul għal-ħlas tal-wiċċ tal-*quartz* tal-bank tal-kċina liema ħlas sar permezz ta' ċekk.[18] Jippreżenta wkoll kopji ta' emails varji mibgħuta bejn it-23 ta' Awwissu, 2013 u s-17 ta' Settembru, 2013 b'dik tas-17 ta' Settembru hija email mibgħuta mill-avukat patroċinanti l-attur lill-konvenut rigward, *inter alia*, id-difetti nnutati fil-*quartz*.[19]

**In kontro-eżami[20]** jgħid li meta ħadulu l-*quartz* id-dar, dan dam mat-tlett ġimgħat sa xahar jistrieħ mal-ħajt qabel tpoġġa fuq il-bank tal-kċina. Jgħid li t-tikek suwed ma rahomx kemm il-*quartz* dam jistrieħ mal-ħajt għax huwa ma qagħdtx iċaqalqu.

Jgħid li huwa qabad u ħallas ta' dan il-wiċċ tal-*quartz* qabel dan tpoġġa fuq il-wiċċ tal-bank u huwa nduna bil-kwistjoni. Jgħid li għamel il-ħlas hekk mall-ewwel peress li kellu kwotazzjoni. Jgħid li ndunaw bit-tikek suwed malli l-*quartz* beda jitpoġġa fuq il-wiċċ tal-bank bil-mara tiegħu, li

---

[17] Fol 13 sa 16.

[18] L-attur jipprezenta kopji fotostatici ta' zewg cekkijiet datati 28.08.2012 pagabbli minnu u martu lill-konvenut fl-ammonti ta' €1,830 – cekk 2077 a fol 23, li huwa l-valur mitlub f'din l-istanza – u iehor ta' €300 – cekk 2078 a fol 24.

[19] Kopji tal-emails a fol 25.

[20] Fol 16 sa 21.

kienet prezenti waqt ix-xogħol ta' tpoġġija tal-*quartz,* ġibdet l-attenzjoni tal-ħaddiem għat-tbajja li bdiet tara. Jgħid li lilu l-mara qaltlu dakinhar stess bil-kwistjoni peress li huwa ma' kienx id-dar waqt ix-xogħol ta' tpoġġija.

Iżid li wara dan kitbu diversi emails lill-konvenut jilmentaw minn din il-kwistjoni.

Jgħid li aktar ma' jgħaddi żmien aktar qed jitfaċċaw tbajja.

**Il-Qorti rat ukoll ir-rapport tal-perit tekniku, il-Perit Valerio Schembri,**[21] li sabiex jespiċita l-kompitu' tiegħu żamm diversi seduti kif ukoll aċċessi fil-fond ta' l-attur fejn jinsab il-materjal tal-wiċċ tal-bank tal-kċina in mertu.

Fir-rapport tieghu, il-perit tekniku kkonkluda li:

a) Rigward il-parti tal-wiċċ tal-bank fejn feġġew it-tikek suwed:

   i. l-attur u martu qablu fix-xhieda mogħtija quddiemu li dawn feġġew ċirka sitt (6) xhur wara li tpoġġa l-wiċċ.
   ii. Il-konvenut qabel li feġġew tali tikek iżda ma' kellux spjegazzjoni teknika għal dan għajr li l-wiċċ ġie maltrattat.

Il-perit tekniku jispjega l-komposizzjoni tal-materjal *quartz* bħala ċirka 94% *quartz* bil-kumplament ikun *binding agent* f'forma ta' *polyester resin.* Iżid li *quartz* ma' jista qatt ikun poruż u allura ma' jeħtieġx *sealer* sabiex ma jassorbix.

Iżid li huwa fatt magħruf li *quartz* ta' lewn *pure white* huwa l-aktar suxxettibbli li jidhru fih difetti.

Rigward kif jistgħu jirriżultaw difetti fil-*quartz*, jgħid li:

a) difetti fil-*quartz* huma normalment assoċjati ma' tfallija tal-*binding agent* u mhux għax il-materjal ikun assorba xi kimika jew likwidu ieħor;

[21] Rapport a fol 94 sa 105, b'dokumenti annessi a fol 106 sa 185.

b) ħsarat jistgħu jkunu kkawżati minn:
   i. reazzjoni kimika mal-*binding* agent;
   ii. għoli fit-temparutra għal gradi aktar milli jkun jiflaħ l-istess *binding agent*;
   iii. espożizzjoni għal *UV Rays* b'mod mhux uniformi.

Jgħid li f'aċċess ulterjuri li żamm ġie nutat li t-tikek suwed kienu naqqsu b'mart l-attur spjegat li bit-tindif qed jonqsu.

Jikkonkludi li fil-każ tal-materjal supplit lill-attur dan m'huwiex ta' kwalita' inferjuri jew ta' kwalita' mhux kif pattwit stante li kieku dan kien il-każ, it-tbajja kienu jirriżultaw kullimkien mhux f'parti waħda biss fejn ġie ndikat lilu.

Jgħid għalhekk li d-difetti riżultanti m'humiex riżultat ta' materjal inferjuri jew mhux tal-kwalita' pattwita jew xogħol li ma sarx skond is-sengħa u l-arti.

Iżid li huwa jaqbel mat-teżi tal-konvenut li b'xi mod il-wiċċ tal-bank in mertu ġie maltrattat.

Jerġa jgħid li maltrattament ta' *quartz* jista jseħħ b'kawża ta' użu ta' xi kimika jew applikazzjoni ta' sħana eċċessiva. Jispjega li f'dan il-każ huwa aktar possibbli li ġiet applikata sħana eċċessiva bħal tpoġġija ta' borma jew taġen.

Jispiċċa din is-sezzjoni tar-rapport billi jgħid li ma' jistax jgħid b'ċertezza x'wassal għad-dannu lamentat iżda li dan aktarx seħħ b'kawża ta' applikazzjoni ta' sħana eċċessiva.

b) Rigward il-kumenti:

Il-perit tekniku jgħid li l-attur ilmenta li l-kumenti ma' kienux *polished* bħal wiċċ proprju bil-*polish* tagħhom huwa nferjuri.

Fuq dan, il-perit tekniku jikkonkludi li m'hemm ebda differenza bejn il-*polish* tal-wiċċ proprju u tal-kumenti b'dan li anke kieku hemm diverġenza minima din tkun aċċettabbli stante li l-pożizzjoni tal-wiċċ proprju mhijiex bħal tal-kumenti.

Iżid li f'kull każ tali lanjanza mhijiex attribwibbli għal-materjal inferjuri jew li m'huwiex fil-kwalita' pattwita' jew għal xogħol li ma' sarx skond is-sengħa u l-arti.

Il-perit tekniku jikkunsidra wkoll teba' tas-sadid f'forma ta' qiegħ ta' bott tal-landa kif ukoll titjira.

Fuq dan, jgħid li t-tebgħa ġiet konstatata waqt l-ewwel aċċess u ma' kienitx għadha tidher f'aċċess ulterjuri b'dan li mart l-attur spjegat li rnexxiela tneħħija bit-tindif. Iżid li l-istess mart l-attur ammettiet li t-tebgħa kienet riżultat ta' bott li poġġiet fuq il-wiċċ tal-bank hi stess.

Iżid ukoll li mart l-attur ammettiet ukoll li t-titjira saret minnha.

**In eskussjoni**[22] il-perit tekniku spjega li l-lanjanzi ta' l-attur m'humiex riżultat ta' materjal ħażin jew mano d'opera ħażina. Iżid li t-tikek suwed li jilmentaw dwarhom l-atturi jidhru f'parti tal-bank li għandha dijametru ta' ċikra 10 ċentimetri u mhux mifruxin mal-wiċċ kollu. Jgħid li l-materjal *quartz* ma' jfalli qatt, semmai li jfalli huwa l-*binding agent* utilizzat fih. Jispjega li t-tikek jistgħu saru jew riżultat ta' sħana jew inkella kimika.

Jgħid li fil-każ ta' l-attur bilfors li tpoġġiet xi borma jew taġen jaħraq fuq il-wiċċ, b'dan li l-forma tonda fid-dijametru msemmi aktar jikkonvinċih fuq dan.

Jinsisti li fuq ix-xogħol ta' tpoġġija m'hemmx kontestazzjoni bil-kontestazzjoni qiegħda biss fuq il-kwalita' tal-materjal li skont huwa kienet dik pattwita' bil-materjal ma' kienx inferjuri.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

L-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-attur kontra l-konvenut bl-attur qiegħed jgħid illi l-konvenut huwa responsabbli lejhom għad-danni fl-ammont ta' € 1,830 rappreżentanti prezz ta' wiċċ ta' bank ta' kċina u *island*

[22] Fol 222 sa 230.

tal-materjal *quartz* fornit lilhom mill-istess konvenut. L-atturi jinsistu li l-kwalita' tal-materjal ma' kienitx dik pattwita kif ukoll li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa.

Il-konvenut minn naħħa tiegħu jilqa' għat-talbiet attriċi billi fl-ewwel lok iqajjem żewġ eċċezzjonijiet preliminari: waħda rigward in-nuqqas ta' indikazzjoni mill-attur tal-provvediment legali li fuqu hija msejsa l-azzjoni u l-oħra fejn jgħid illi l-azzjoni hija waħda irritwali u dana billi si tratta ta' azzjoni għal danni *ex contractu* meta l-unika azzjonijiet li kellu a dispożizzjoni tiegħu l-attur kienu jew dik redibitorja jew estimatorja jew inkella azzjoni dwar in-nuqqas ta' kwalita' pattwita fl-oġġett fornit.

Jgħid ukoll li l-attur ma setgħax iressaq azzjoni fejn jgħid li l-kwalita' ta' l-oġġett m'hijiex dik pattwita fejn l-oġġett għadu fil-pussess tiegħu u li fi kwalunkwe' każ m'huma dovuti ebda danni bil-kawża odjerna ġiet istitwita mill-attur bħala ritaljazzjoni għax huwa kien effettivament imfittex mill-konvenut għal-ħlas dovut minnu fuq kwistjoni mhux relatata.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Permezz ta' verbal magħmul fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru, 2014[23], l-attur iddikjara u ċċara li l-azzjoni odjerna saret abbażi tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16, il-Kodiċi Ċivili li jitrattat l-fornizzjoni ta' ħwejjeġ mhux skond il-kwalita' pattwita' jew bħal kampjun.

Din id-dikjarazzjoni twassal għar-riżoluzzjoni tal-ewwel (1) kif ukoll it-tieni (2) eċċezzjoni – it-tieni eċċezzjoni hija għal xi raġuni enumerata bin-numru "3" fir-risposta tal-konvenut – ossia ż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari mqajma mil-konvenut.

L-istess dikjarazzjoni tolqot ukoll it-tielet (3) eċċezzjoni tal-konvenut – li stante l-iżball fl-enumerazzjoni tidher enumerata bin-numru erbgħa (4) – b'dan li din il-Qorti, in vista tal-provi prodotti quddiemha, ir-riżultanzi li jemanu mir-rapport tal-perit tekniku u l-eskussjoni tiegħu, kif ukoll dak li ser isegwi relattivament għat-talbiet attriċi u l-kumplament tal-

[23] A fol 11 tal-process

eċċezzjonijiet tal-konvenut m'hijiex sejra tevalwa għajr fl-istadju tal-provvediment deċiżorju ta' din is-sentenza.

L-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 jipprovdi li:

> **1390.** *Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

Fil-każ in eżami, ma' jirriżultax li l-attur irrifjuta l-oġġett in kwistjoni, ossia, il-wiċċ tal-bank tal-kċina tal-materjal *quartz* fornit mill-konvenut. Dan il-wiċċ inżamm għandu tant li fl-aċċessi miżmuma mill-perit tekniku nstab fid-dar tiegħu.

Dan apparti, dan il-provvediment tal-Liġi jrid li wieħed jista' jirrifjuta oġġett u jitlob id-danni jew inkella jżomm l-oġġett iżda bi prezz anqas fuq stima ta' perit jekk l-oġġett ma' jkunx [i] *tal-kwalità mwiegħda*, jew; [ii] *ma* (j)*kunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar*.

Qabel tgħaddi għal-kunsiderazzjonijiet ulterjuri, din il-Qorti tħossa li huwa opportun li jsir riassunt tal-viċenda li wasslet għal din l-istanza.

Mill-provi in atti jirriżulta li l-attur iltaqa' mal-konvenut fuq il-lant tax-xogħol stante li huwa wkoll involut fix-xogħol ta' l-irħam. Jirriżulta ulterjorment li l-attur għamel ordni għal wiċċ ta' bank tal-kċina tal-materjal *quartz* għand il-konvenut liema ordni ġiet ikkonsenjata u wara xi żmien ġie poġġut l-istess wiċċ minn kuntrattur indipendenti.

Wara xi żmien, feġġew xi tbajja fil-wiċċ tal-kċina b'dan wassal lill-attur jintavola din il-kawża fejn jallega li t-tbajja feġġew stante li l-materjal supplit lilu mill-konvenut ma' kienx tal-kwalita' mwiegħda jew skond il-kampjun li fuqu ġie konkluż il-bejgħ.

Fuq talba ta' l-attur stess, din il-Qorti ħatret perit tekniku, lill-Perit Valerio Schembri, sabiex jindaga din l-allegazzjoni ta' l-attur.

Fir-rigward tal-kwalita' mwiegħda, fil-każ ta' l-attur, il-materjal ikkonsenjat lilu mil-konvenut instab mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti li kien tal-kwalita' pattwita u mhux ta' kwalita' inferjuri.

Hawnhekk huwa mportanti jiġi osservat li tul l-andament tal-kawża kien hemm allegazzjonijiet ta' diżgwid bejn il-materjal pattwit.

Rigward dan l-allegat diżgwid, din l-Qorti tosserva li malgrad li l-attur isemmi li huwa għamel il-ħlas għal-materjal mill-ewwel stante li kellu kwotazzjoni, huwa naqas li jippreżenta kopja tal-kwotazzjoni, b'din ġiet ippreżentata mill-konvenut waqt ix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem il-perit tekniku.[24]

L-istess kwotazzjoni turi li l-ordni kienet għal materjal *pure white*. In-nota ppreżentata mill-attur fit-30 ta' Ġunju, 2017[25] hija konfużjonali f'dan is-sens. Fiha l-attur jiddikjara li l-ordni tiegħu ma' kienitx għal-materjal *pure white* u li l-materjal mwaħħal fuq il-bank tal-kċina tiegħu aktarx m'huwiex *pure white*. B'dan, l-attur allura mmedjatament jinnega l-lanjanza tiegħu stess, skond dak dikjarat minnu fin-nota *ivi* msemmija, li l-materjal supplit ma' kienx allura tal-kwalita' pattwita'. Iżda, aktar minn hekk, il-konvenut jispjega b'mod ċar u kredibbli kif l-attur u martu infatti talbu u nsistew fuq il-materjal *pure white,* b'dan kien il-materjal konsenjat minkejja l-parir mogħti minnu sabiex ma' jieħdux il-*pure white* tenut kont tal-fatt li huwa aktar suxxettibbli għat-tbajja.

Il-Qorti tara aktar verosimili l-verzjoni tal-konvenut, mhux biss għaliex kien koerenti u konsistenti tul ix-xhieda tiegħu rigward l-ordni u dak li ġie supplit, iżda wkoll għaliex eżebixxa huwa stess l-uniku dokument relattiv għal dan, ossia; il-kwotazzjoni. Tali kwotazzjoni ma' ġietx ikkontestata mill-attur b'dan li l-attur anqas ma' kien konsistenti bħal konvenut fix-xhieda tiegħu, inkluż billi quddiem il-Qorti qal li martu qaltlu mill-ewwel, wara li ġie poġġut il-materjal tal-wiċċ tal-bank tal-kċina, li l-materjal huwa mtebba, iżda quddiem il-perit tekniku kemm huwa kif ukoll martu xehdu li t-tikek suwed bdew johorgu xi sitt xhur wara li tpoġġa l-materjal.

B'dan f'moħħa, il-Qorti hija wisq aktar konvinta li l-materjal supplit, apparti li nstab mill-perit tekniku li kien tal-kwalita' pattwita u mhux inferjuri, kien dak mitlub mill-attur u martu mingħand il-konvenut.

[24] A fol 135 tal-process
[25] A fol 49 tal-process

Fir-rigward tal-kampjun, in kontro-eżami quddiem il-perit tekniku[26] l-attur jikkonferma li huwa ra kampjun għand il-konvenut. B'dan li wara li wasal il-materjal għandu huwa immedjatament ħallas għall-istess stante li kellu f'idejh il-kwotazzjoni.

Ladarba fuq ammissjoni tiegħu stess l-attur kien ra kampjun, u stante li anke jixhed li huwa mdorri fl-irħam,[27] l-attur ċertament kellu l-kapaċita' jagħraf li l-materjal konsenjat lilu ma' kienx bħal kampjun li ra, kieku dan kien minnu.

Fir-rigward tat-tbajja lamentati mill-attur, u osservati mil-perit tekniku, il-Qorti tibda sabiex tosserva li l-perit tekniku żamm diversi aċċessi fid-dar ta' l-attur fejn jinsab il-wiċċ tal-bank tal-kċina in mertu. B'dan illi filwaqt li l-preżenza tat-tbajja ġiet konfermata mil-perit tekniku fl-ewwel aċċess tiegħu, aktar tard, f'aċċess ulterjuri li żamm, ġie nnutat li t-tikek suwed kienu naqqsu b'mart l-attur spjegat li bit-tindif qed jonqsu.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li in espliċitazzjoni tal-inkarigu tiegħu, il-perit tekniku ppreżenta rapport dettaljat rigward il-materjal *quartz*. L-istess perit tekniku pprovda wkoll spjegazzjoni tajba ta' kif jistgħu jirriżultaw difetti fil-materjal *quartz* u għalfejn huwa jikkonkludi li t-tbajja li feġġew f'dak poġġut għand l-attur ma' kienux riżultat ta' materjal inferjuri jew mhux kif pattwit.

Infatti, minkejja li kien kawt fil-konklużjonijiet tiegħu rigward x'setgħa wassal għal manifestazzjoni tat-tbajja fil-wiċċ tal-*quartz* supplit lill-attur, il-perit tekniku jikkonkludi li dawn ċertament ma' feġġewx minħabba kwalita' inferjuri jew mhux skond kif pattwit tal-materjal supplit lill-attur, iżda b'riżultat ta' tpoġġija ta' oġġett jaħraq fuq l-istess.

Il-Qorti ma' tħossx u anqas tara raġuni serja jew anke' valida' li tista twassalha tiddipartixxi mil-konklużjonijiet tal-perit tekniku. Speċjalment tenut kont ukoll tar-risposti tiegħu għad-domandi in eskussjoni fejn jispjega b'mod ċar li t-tbajja feġġew f'parti waħda tal-wiċċ tal-bank, liema parti għandha dijametru ta' ċirka 10 ċentimetri, li hija konsistenti mall-osservazzjoni tiegħu li t-tbajja feġġew kważi ċertament b'riżultat ta' tpoġġija fuq il-wiċċ tal-bank ta' borma jew taġen sħun.

[26] A fol 111 tal-process

[27] Ref. l-ewwel linja tat-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minnu quddiem il-perit tekniku fil-pagan relattivi a fol 111.

Dwar l-allegazzjoni ulterjuri li l-kumenti tal-wiċċ tal-bank tal-kċina ta' l-attur ma' kienux trattati bl-istess mod bħal wiċċ proprja, din il-Qorti wkoll tistrieħ fuq dak ripurtat mill-perit tekniku maħtur minnha fejn dan ta' spjegazzjoni ta' x'jista jwassal għal diverġenza minima bejn il-wiċċ proprja u l-kumenti u li din id-diverġenza hija aċċettabbli fis-settur ta' l-irħam u materjali simili.

Rigward dik il-parti tat-talba attriċi relattiva għall-allegazzjoni li x-xogħol ma' sarx skond is-sengħa u l-arti, kwindi li anke l-*mano d'opera* ma' kienitx aċċettabbli, din il-Qorti tibda sabiex tosserva li l-attur iddisimpenja ruħu li jressaq provi rigward dan. Anzi, il-provi miġjuba għall-iskrutinju ta' din il-Qorti, inkluż bix-xhieda tal-kuntrattur li poġġa l-wiċċ tal-bank għand l-attur u li xehed quddiem il-perit tekniku, ma' jwasslux għal konvinċiment li dan ix-xogħol ta' l-id ma' sarx sew.

Il-kuntrattur li poġġa l-wiċċ jixhed fil-fatt li wara li poġġa l-istess, huwa ra' lill-attur diversi drabi u dan qatt ma' lmenta fuq xejn miegħu.

Min-naħħa l-oħra f'kull kap tar-rapport tiegħu l-perit tekniku jikkonkludi li d-difetti lamentati mill-attur ma' kienux kaġun la ta' materjal ta' kwalita' nferjuri jew mhux skond kif pattwit u anqas ta' xogħol li ma' sarx skond is-sengħa u l-arti. Dan jikkonfermah ulterjorment in eskussjoni.

B'dan, u tenut kont ukoll tal-fatt li għalkemm talab għal-ħatra ta' periti perizjuri, l-attur naqas milli jinsisti fuq l-istess, tant li t-talba għalhekk saret fit-23 ta' Novembru, 2020 mentri fil-21 ta' Ottubru, 2022 il-partijiet iddikjaraw illi m'għandhomx aktar provi xi jressqu u li qed jirrimettu ruħhom għall-konklużjonijiet tal-perit tekniku; din il-Qorti hija konvinta li l-materjal supplit mill-konvenut lill-attur kien tal-kwalita' mwiegħda jew skond il-kampjun muri u allura ma' jirriżultax ksur tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet enumerati wieħed (1), tlieta (3), u

erbgħa (4) fir-risposta tal-konvenut u tiċċara li m'hemmx eċċezzjoni enumerata bin-numru tnejn (2), tilqa' l-eċċezzjoni enumerata ħamsa (5) u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjez a karigu ta' l-attur.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur